

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2022/1193

tal-11 ta' Lulju 2022

li jistabbilixxi l-miżuri għall-qerda tar-*Ralstonia solanacearum* (Smith 1896) Yabuuchi et al. 1996 emend. Safni et al. 2014 u għall-prevenzjoni tat-tifrix tiegħu

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ottubru 2016 dwar il-miżuri protettivi kontra pesti tal-pjanti, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 228/2013, (UE) Nru 652/2014 u (UE) Nru 1143/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 69/464/KEE, 74/647/KEE, 93/85/KEE, 98/57/KE, 2000/29/KE, 2006/91/KE u 2007/33/KE⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 28(1), il-punt (a), u l-punti (c) sa (h) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (UE) 2016/2031 jipprovdni l-bażi għal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar il-miżuri protettivi kontra l-pesti tal-pjanti. Billi dak ir-Regolament jistabbilixxi sett ġdid ta' regoli, huwa jħassar, b'effett mill-1 ta' Jannar 2022, diversi atti li kienu bbażati fuq ir-regoli preċedenti fis-settur.
- (2) Wieħed minn daww l-atti mħassra huwa d-Direttiva tal-Kunsill 98/57/KE⁽²⁾ li stabbiliet miżuri kontra l-pest *Ralstonia solanacearum* (Smith 1896) Yabuuchi et al. 1996, li aktar tard ingħata l-isem ta' *Ralstonia solanacearum* (Smith) Yabuuchi et al. 1996 emend. Safni et al. 2014 ("il-pest speċifikat"), l-aġent patoġeniku tal-marda tat-taħsir kannella tal-patata.
- (3) Barra minn hekk, mill-adozzjoni ta' dik id-Direttiva, saru żviluppi xjentifiċi ġodda li jikkonċernaw il-bijoloġija u d-distribuzzjoni tal-pest speċifikat, filwaqt li ġew żviluppati metodi ġodda ta' ttestjar biex jinsab u jiġi identifikat dan il-pest, kif ukoll metodi li jeqirduh, u li jipprevjenu li jinfirex.
- (4) Għalhekk, jixraq li jiġu adottati miżuri ġodda għall-pjanti tas-*Solanum tuberosum* L. (patata), minbarra ż-żrieragħ, u l-pjanti, għajr il-frott u ż-żrieragħ, tas-*Solanum lycopersicum* (L.) Karsten ex Farw (tadam) ("il-pjanti speċifikati"), biex jinqered il-pest speċifikat f'każ li jinstab fit-territorju tal-Unjoni, u biex ma jitħalliex jinfirex. Ċerti miżuri stabbiliti fid-Direttiva 98/57/KE, b'mod partikolari daww li jikkonċernaw il-qerda u l-prevenzjoni tat-tifrix tal-pest speċifikat, għadhom, madankollu, xierqa u għalhekk jenħtieġ li jiġu previsti.
- (5) Jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jwettqu sħarriġiet annwali għall-preżenza tal-pest speċifikat fuq il-pjanti speċifikati fit-territorju tagħhom, sabiex jiżguraw id-detezzjoni l-aktar effettiva u bikrija ta' dak il-pest. Ir-regoli dwar l-istħarriġ annwali jenħtieġ li jiġu adattati għall-użu maħsub tal-pjanti speċifikati, biex jiġi żgurat li l-ispezzjonijiet viżivi, it-teħid ta' kampjuni u l-ittestjar isiru fl-aktar żmien xieraq u taħt l-aktar kundizzjonijiet xierqa għal kull pjanta u l-użu tagħha.
- (6) F'każ ta' suspett tal-preżenza tal-pest speċifikat, jenħtieġ li l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru kkonċerat twettaq l-ittestjar f'konformità mal-istandards internazzjonali, sabiex tikkonferma jew tikkonfuta dik il-preżenza.
- (7) Fejn il-preżenza tal-pest speċifikat tiġi kkonfermata, jenħtieġ li l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru kkonċernat tiegħu l-miżuri x-xierqa mingħajr dewmien biex teqirdu u biex tipprevjenu li jkompli jinfirex. Jenħtieġ li l-ewwel waħda minn daww il-miżuri tkun l-istabbiliment ta' żona demarkata.
- (8) Jenħtieġ li jiġu previsti miżuri oħra ta' eradikazzjoni. Jenħtieġ li l-pjanti speċifikati ddeżinjati bħala infettati mill-pest speċifikat ma jithawlux fit-territorju tal-Unjoni, u jenħtieġ li l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru kkonċernat tiżgura li l-pjanti speċifikati infettati jinqerdu jew jintremew b'xi mod ieħor, f'kundizzjonijiet li jipprevjenu li l-pest speċifikat ikompli jinfirex. Jenħtieġ li jiġu previsti miżuri speċifiċi fir-rigward tal-ittestjar, tal-kampjunar u tal-

⁽¹⁾ ĠU L 317, 23.11.2016, p. 4.

⁽²⁾ Id-Direttiva tal-Kunsill Nru 98/57/KE tal-20 ta' Lulju 1998 dwar il-kontroll tar-*Ralstonia solanacearum* (Smith) Yabuuchi et al. (ĠU L 235, 21.8.1998, p. 1).

azzjonijiet fuq il-post, sabiex jiġi żgurat li ma jkun hemm l-ebda riskju identifikabbli tat-tifrix tal-pest speċifikat. Jenħtieġ li jiġu previsti miżuri speċifiċi biex jiġi evitat li l-pest speċifikat jinfirex barra miż-żoni demarkati permezz ta' ilma tal-wiċċ infettat u permezz ta' pjanti ospitanti solanaċji kkultivati jew selvaġġi.

- (9) Jenħtieġ li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara li jiġi ppubblikat f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea biex jiġi żgurat li japplika mill-aktar fis possibbli wara t-tħassir tad-Direttiva 98/57/KE.
- (10) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Suġġett

Dan ir-Regolament jistabbilixxi l-miżuri bl-iskop li jinqered ir-*Ralstonia solanacearum* (Smith 1896) Yabuuchi *et al.* 1996 emend. Safni *et al.* 2014, li huwa l-kawża tat-tħassir kannella tal-patata, u l-prevenzjoni tat-tifrix tiegħu fit-territorju tal-Unjoni.

Artikolu 2

Definizzjonijiet

Għall-iskopijiet ta' dan ir-Regolament, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

- (1) "il-pest speċifikat" tfisser *Ralstonia solanacearum* (Smith 1896) Yabuuchi *et al.* 1996 emend. Safni *et al.* 2014;
- (2) "pjanti speċifikati" tfisser pjanti tas-*Solanum tuberosum* L. (patata), għajr iż-żrieragħ, u l-pjanti, għajr il-frott u ż-żrieragħ, tas-*Solanum lycopersicum* (L.) Karsten ex Farw (tadam);
- (3) "pjanti ospitanti solanaċji" tfisser pjanti selvaġġi u kkultivati tas-*Solanaceae*;
- (4) "pjanti speċifikati volontiera" tfisser pjanti speċifikati li jidhru fil-postijiet tal-produzzjoni mingħajr ma jkunu tħawlu;
- (5) "tuberi maħsuba biex jitħawlu fil-post tal-produzzjoni tagħhom" tfisser tuberi prodotti f'post speċifiku tal-produzzjoni li huma maħsuba biex jibqgħu f'dak il-post b'mod permanenti u ma humiex maħsuba biex jiġu ċċertifikati.

Artikolu 3

Stħarriġiet annwali

1. L-awtoritajiet kompetenti għandhom iwettqu stħarriġ annwali għall-preżenza tal-pest speċifikat fuq il-pjanti speċifikati fit-territorju tagħhom, fl-ilma tal-wiċċ użat għall-irrigazzjoni tal-pjanti speċifikati, u fl-iskart likwidu, f'konformità mar-rekwiżiti li ġejjin:

- (a) fir-rigward tat-tuberi għajr dawk għat-tħawwil, l-istħarriġ għandu jinkludi:
 - (i) il-kampjunar minn lottijiet tat-tuberi maħżuna jew mill-għalla li tkun qed tikber, kemm jista' jkun tard bejn it-tnixxif tal-faxxini u l-ħsad;
 - (ii) spezzjoni viżiva tal-għalla li tkun qed tikber meta jkun possibbli li jiġu identifikati b'mod viżiv is-sintomi tal-pest speċifikat, u spezzjoni viżiva tat-tuberi maqtugħin, fil-każijiet meta dik l-ispezzjoni tkun xierqa biex jiġu individwati s-sintomi tal-pest speċifikat;
- (b) fir-rigward tat-tuberi għat-tħawwil, għajr dawk maħsuba għat-tħawwil fil-post tal-produzzjoni tagħhom, l-istħarriġ għandu jinkludi b'mod sistematiku spezzjoni viżiva tal-għelejjel li jkunu qed jikbru u tal-lottijiet fil-ħżin, kampjunar fil-ħżin jew kampjunar mill-għelejjel li jkunu qed jikbru kemm jista' jkun tard bejn it-tnixxif tal-faxxini u l-ħsad;

- (c) fir-rigward tat-tuberi maħsuba biex jitħawlu fil-post tal-produzzjoni tagħhom, l-istħarriġ għandu jitwettaq abbażi tar-riskju identifikat li jikkonċerna l-preżenza tal-pest speċifikat u għandu jinkludi:
- (i) il-kampjunar minn lottijiet tat-tuberi maħżuna jew mill-għalla li tkun qed tikber, kemm jista' jkun tard bejn it-tnixxif tal-faxxini u l-ħsad;
 - (ii) spezzjoni viżiva tal-għalla li tkun qed tikber meta jkun possibbli li jiġu identifikati b'mod viżiv is-sintomi tal-pest speċifikat, u spezzjoni viżiva tat-tuberi maqtugħin, fil-każijiet meta dik l-ispezzjoni tkun xierqa biex jiġu individwati s-sintomi tal-pest speċifikat;
- (d) fir-rigward tal-pjanti tat-tadam, l-istħarriġ għandu jinkludi spezzjoni viżiva, fi żminijiet xierqa, ta' mill-inqas l-għalla li tkun qed tikber fil-post tal-produzzjoni tal-pjanti maħsuba għat-tħawwil mill-ġdid;
- (e) fir-rigward tal-pjanti ospitanti solanaċji, għajr il-pjanti speċifikati, u l-ilma tal-wiċċ u l-iskart likwidu, l-istħarriġ għandu jitwettaq f'konformità ma' metodi xierqa u, fejn jixraq, għandhom jittieħdu l-kampjuni.
2. In-numru, l-oriġini u ż-żmien tal-ġbir tal-kampjuni għandhom ikunu bbażati fuq prinċipji xjentifiċi u statistiċi sodi u fuq il-bijoloġija tal-pest speċifikat, filwaqt li jitqiesu s-sistemi partikolari tal-produzzjoni tal-patata u tat-tadam tal-Istati Membri kkonċernati.
3. Sat-30 ta' April ta' kull sena, l-Istati Membri għandhom jibagħtu r-riżultati tal-istħarriġ annwali li jkunu wettqu matul is-sena kalendarja preċedenti lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħrajn. Huma għandhom jirrapportaw ir-riżultati ta' dak l-istħarriġ f'konformità mal-mudell stabbilit fl-Anness II.

Artikolu 4

Miżuri f'każ ta' suspett tal-preżenza tal-pest speċifikat

1. L-awtorità kompetenti għandha tiżgura li l-kampjuni li jittieħdu għall-fini tal-istħarriġ jiġu soġġetti għat-testijiet ta' detezzjoni msemmija fil-punt 2.1 tal-Anness I.
2. Sakemm joħorġu r-riżultati tat-testijiet ta' detezzjoni, l-awtorità kompetenti għandha:
- (a) tipprojbixxi l-ġarr tal-pjanti speċifikati mill-ghelejje, mil-lottijiet jew mill-kunsinni kollha li minnhom ittieħdu l-kampjuni, ħlief tal-pjanti speċifikati taħt il-kontroll tagħha li għalihom ikun ġie stabbilit li ma hemm l-ebda riskju identifikabbli tat-tifrix tal-pest speċifikat;
 - (b) tittraċċa l-oriġini tal-preżenza suspettata;
 - (c) twettaq kontroll uffiċjali tal-ġarr ta' kwalunkwe pjanta speċifikata, għajr dawk imsemmija fil-punt (a), prodotta fil-post tal-produzzjoni li minnu jkunu ttieħdu l-kampjuni msemmija fil-punt (a);
 - (d) tipprojbixxi l-użu tal-ilma tal-wiċċ fuq pjanti speċifikati u fuq pjanti ospitanti solanaċji oħrajn ikkultivati sakemm tiġi kkonfermata jew miċħuda l-preżenza tal-pest speċifikat fl-ilma tal-wiċċ, ħlief fejn tippermetti l-użu tal-ilma tal-wiċċ fuq it-tadam u fuq pjanti ospitanti solanaċji oħrajn imkabbra fis-serer, bil-kundizzjoni li l-ilma jiġi ddiżinfettat permezz ta' metodi xierqa awtorizzati mill-awtorità kompetenti.
3. Sakemm joħorġu r-riżultati tat-testijiet ta' detezzjoni, l-awtorità kompetenti għandha tiżgura li l-ementi kollha elenkati hawn taħt jinżammu u jiġu ppreżervati b'mod xieraq:
- (a) it-tuberi kollha li jkun baqa' li jkunu ġew kampjunati u, kull meta jkun possibbli, il-pjanti kollha kampjunati li jifdal;
 - (b) l-estratti tal-pjanti speċifikati li jifdal, l-estratti tad-DNA u l-materjal addizzjonali ppreparat għat-test;
 - (c) il-kultura pura, fejn xieraq;
 - (d) id-dokumentazzjoni rilevanti kollha.
4. Meta jiġi kkonfermat is-suspett tal-preżenza tal-pest speċifikat f'konformità mal-punt 1.1 tal-Anness I, l-awtorità kompetenti għandha tiżgura li t-testijiet imsemmija fl-Anness I jitwettqu fuq il-kampjuni li jkunu ttieħdu għall-fini tal-istqarrijiet biex tiġi kkonfermata jew kkonfutata l-preżenza tal-pest speċifikat.

Artikolu 5

Miżuri f'każ ta' konferma tal-preżenza tal-pest speċifikat

1. Fejn il-preżenza tal-pest speċifikat tiġi kkonfermata f'konformità mal-punt 1.2 tal-Anness I, għandhom japplikaw il-paragrafi 2 sa 6.

2. Meta tiġi kkonfermata l-preżenza tal-pest speċifikat fuq pjanti speċifikati, l-awtorità kompetenti għandha, mingħajr dewmien, twettaq il-miżuri kollha li ġejjin:

(a) tistabbilixxi investigazzjoni biex jiġu stabbiliti l-firxa u s-sors(i) primarju/i tal-infezzjoni f'konformità mal-Anness III, permezz ta' testijiet oħra f'konformità mal-Artikolu 4(1), fuq mill-inqas l-istokkijiet kollha tat-tuberi għat-tħawwil relatati klonalment;

(b) tistabbilixxi żona demarkata, li għandha tikkonsisti mill-inqas minn żona infestata li jkun fiha l-elementi kollha li ġejjin:

(i) il-pjanti speċifikati, il-kunsinni u/jew il-lottijiet, il-vetturi, il-bastimenti, l-imħażen, jew unitajiet ta' għajnejn li minnhom ikun ittieħed kampjun ta' pjanta speċifikata infettata, kull oġġett ieħor inkluż il-materjal tal-imballaġġ, u l-makkinarju li ntuża fil-produzzjoni, fit-trasport jew fil-ħżin ta' daww il-pjanti speċifikati, u, fejn xieraq, il-postijiet tal-produzzjoni jew is-siti tal-produzzjoni fejn tkabbru jew inħasdu daww il-pjanti speċifikati;

(ii) it-tipi kollha ta' oġġetti elenkati fil-punt (i) li dwarhom jiġi ddeterminat li probabbilment huma infettati mill-pest speċifikat, permezz ta' kuntatt qabel jew wara l-ħsad, jew permezz ta' passi ta' produzzjoni, ta' irrigazzjoni jew ta' tbexxix simultanja tal-pjanti speċifikati infettati u filwaqt li jitqiesu l-elementi elenkati fil-punt 1 tal-Anness IV;

(c) fejn jeħtieġ biex tindirizza r-riskju fitosanitarju, tistabbilixxi żona ta' l-qugh madwar iż-żona infestata filwaqt li tqis l-elementi tat-tifrix possibbli tal-pest speċifikat kif imsemmi fil-punt 2 tal-Anness IV;

(d) tiddeżinja:

(i) l-oġġetti elenkati fil-punt (b)(i) bħala infettati;

(ii) l-oġġetti elenkati fil-punt (b)(ii) bħala probabbilment infettati.

3. Meta l-preżenza tal-pest speċifikat tiġi kkonfermata fuq għejejel ta' pjanti ospitanti solanaċji apparti mill-pjanti speċifikati, u fejn il-produzzjoni tal-pjanti speċifikati tiġi identifikata f'riskju, l-awtorità kompetenti għandha tieħu l-miżuri li ġejjin:

(a) tistabbilixxi investigazzjoni biex jiġu stabbiliti l-firxa u s-sors(i) primarju/i tal-infezzjoni f'konformità mal-Anness III, permezz ta' testijiet oħra f'konformità mal-Artikolu 4(1), fuq mill-inqas l-istokkijiet kollha tat-tuberi għat-tħawwil relatati klonalment; u

(b) tistabbilixxi żona demarkata, li għandha tikkonsisti minn żona infestata.

Iż-żona infestata għandu jkun fiha dan li ġej:

(a) il-pjanti ospitanti li minnhom ikun ittieħed il-kampjun infettat;

(b) il-pjanti ospitanti li jistgħu jiġu infettati mill-pest speċifikat u li huma ddeżinjati bħala probabbilment infettati, permezz ta' kuntatt ta' qabel jew ta' wara l-ħsad, jew permezz ta' passi simultanja ta' produzzjoni, irrigazzjoni jew tbexxix mal-pjanti ospitanti infettati.

L-awtorità kompetenti għandha tiddeżinja:

(a) il-pjanti ospitanti msemmija fit-tieni subparagrafu, il-punt (a), bħala infettati;

(b) il-pjanti ospitanti msemmija fit-tieni subparagrafu, il-punt (b), bħala probabbilment infettati.

4. Meta l-preżenza tal-pest speċifikat tiġi kkonfermata fl-ilma tal-wiċċ, fl-iskariki tal-iskart likwidu mill-ipproċessar industrijali jew mill-impjanti tal-imballaġġ li jittrattaw il-pjanti speċifikati, jew fuq pjanti ospitanti solanaċji selvaġġi assoċjati u meta l-produzzjoni tal-pjanti speċifikati tiġi identifikata f'riskju permezz tal-irrigazzjoni, ta' tbexxix jew ta' għarġar bl-ilma tal-wiċċ, l-awtorità kompetenti għandha tieħu l-miżuri li ġejjin:

(a) tistabbilixxi investigazzjoni f'konformità mal-Anness III, tinkludi sħarriġ fi żminijiet xierqa fuq kampjuni tal-ilma tal-wiċċ u tal-iskart likwidu, u fuq pjanti ospitanti solanaċji, jekk ikun hemm preżenti, sabiex tiddetermina kemm infirxet l-infezzjoni; u

- (b) tistabbilixxi żona demarkata li jkun fiha żona infestata filwaqt li jitqiesu l-elementi tat-tifrix possibbli tal-pest speċifikat kif imsemmi fil-punt 2 tal-Anness IV.

Iż-żona infestata għandu jkun fiha dan li ġej:

- (a) l-ilma tal-wiċċ li minnu jkun ittieħed/ittieħdu il-kampjun(i) infettat(i);
(b) l-ilma tal-wiċċ li jista' jiġi infettat, filwaqt li jitqiesu l-elementi elenkati fil-punt 1 tal-Anness IV.

L-awtorità kompetenti għandha tiddeżinja:

- (a) l-ilma tal-wiċċ imsemmi fit-tieni subparagrafu, il-punt (a), bħala infettat;
(b) l-ilma tal-wiċċ imsemmi fit-tieni subparagrafu, il-punt (b), bħala probabbilment infettat.

5. Meta Stat Membru jkun ippreżenta notifika ta' tifqigħa fl-EUROPHYT, l-Istati Membri ġirien li ssir referenza għalihom fin-notifika għandhom jiddeterminaw il-firxa tal-infezzjoni probabbli u għandhom jistabbilixxu żona demarkata f'konformità mal-paragrafi 2, 3 u 4. F'każ ta' tifqigħa fl-ilma tal-wiċċ, ma għandhiex tkun meħtieġa notifika għall-ilma tal-wiċċ infettat li jinsab f'żoni li huma diġà demarkati.

6. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li l-elementi kollha elenkati hawn taħt jinżammu u jiġu ppreżervati b'mod xieraq:

- (a) il-materjal speċifikat fl-Artikolu 4(3) għallinqas sakemm jitlestew it-testijiet kollha;
(b) il-materjal relatat mat-tieni test ta' detezzjoni u mat-testijiet ta' identifikazzjoni meta jkun xieraq, sakemm jitlestew it-testijiet kollha;
(c) jekk japplika, il-kultura pura tal-pest speċifikat, sa mill-inqas xahar wieħed wara l-proċedura ta' notifika skont il-paragrafu 5.

Artikolu 6

Miżuri għall-querda tal-pest speċifikat

1. Il-pjanti speċifikati ddeżinjati bħala infettati mill-pest speċifikat skont l-Artikolu 5(2), il-punt (d)(i), ma għandhomx jitħawlu. L-awtorità kompetenti għandha tiżgura li l-pjanti speċifikati infettati jinqerdu jew inkella jintremew, f'konformità mal-punt 1 tal-Anness V sakemm jiġi stabbilit li ma hemm l-ebda riskju identifikabbli tat-tifrix tal-pest speċifikat.

Meta l-pjanti speċifikati jkunu tħawlu qabel ma ġew iddeżinjati bħala infettati, il-materjal imħawwel għandu jinqered jew jintrema b'xi mod ieħor immedjatament f'konformità mal-punt 1 tal-Anness V. Is-sit(i) ta' produzzjoni fejn tħawlu l-pjanti speċifikati infettati għandu/għandhom jiġi/jiġu ddeżinjat(i) bħala infettat(i). Għandha tiġi stabbilita żona demarkata f'konformità mal-Artikolu 5(2), il-punt (b).

2. Pjanti speċifikati ddeżinjati bħala probabbilment infettati skont l-Artikolu 5(2), il-punt (d)(ii), u pjanti speċifikati li ġie identifikat riskju minnhom skont l-Artikolu 5(4) ma għandhomx jitħawlu u għandhom, taħt il-kontroll tal-awtoritajiet kompetenti tagħhom, jitqiegħdu għal użu jew għal rimi xieraq kif speċifikat fil-punt 2 tal-Anness V, sakemm jiġi stabbilit li ma hemm l-ebda riskju identifikabbli li jnfirex il-pest speċifikat.

Meta l-pjanti speċifikati jkunu tħawlu qabel ma jiġu ddeżinjati bħala probabbilment infettati, il-materjal imħawwel għandu jinqered minnufih jew għandhom japplikaw il-miżuri kif speċifikat fil-punt 2 tal-Anness VI. Is-sit(i) tal-produzzjoni fejn tħawlu l-pjanti speċifikati probabbilment infettati għandu/għandhom jiġi/ju ddeżinjat(i) bħala probabbilment infettat(i). Għandha tiġi stabbilita żona demarkata f'konformità mal-Artikolu 5(2), il-punt (b).

3. Kull makkinarju, vettura, bastiment, maħżen, jew unitajiet tiegħu, u kull oġġett ieħor inkluż materjal tal-imballaġġ, iddeżinjat bħala infettat skont l-Artikolu 5(2), il-punt (d)(i) jew probabbilment infettat skont l-Artikolu 5(2), il-punt (d)(ii), u l-Artikolu 5(4), it-tielet subparagrafu, il-punt (b), għandu jinqered jew jtnaddaf u jiġi ddiżinfettat permezz ta' metodi kif speċifikat fil-punt 3 tal-Anness V.

4. Minbarra l-miżuri previsti fil-paragrafi 1, 2, u 3, il-miżuri speċifikati fil-punt 4 tal-Anness V għandhom jiġu applikati fiż-żoni demarkati.

Artikolu 7

Miżuri speċifiċi ta' ttestjar tat-tuberi għat-tħawwil

1. Meta tiġi kkonfermata l-preżenza tal-pest speċifikat f'sit tal-produzzjoni tat-tuberi għat-tħawwil, l-awtorità kompetenti għandha tiżgura li t-testijiet imsemmija fl-Anness I jitwettqu fuq il-linji relatati klonalment tal-lottijiet infettati tat-tuberi jew, meta jiġi stabbilit li ma hemmx linji relatati klonalment, fuq it-tuberi jew fuq il-lottijiet tat-tuberi li kienu f'kuntatt, dirett jew indirett, mal-lottijiet infettati tat-tuberi.

2. Meta l-preżenza tal-pest speċifikat tiġi kkonfermata f'siti ta' produzzjoni tat-tuberi għat-tħawwil fi skema ta' ċertifikazzjoni, it-testijiet imsemmija fl-Anness I għandhom jitwettqu jew fuq kull pjanta tal-għażla inizjali klonali jew fuq kampjuni rappreżentattivi tal-patata taż-żriġħ bażika.

Artikolu 8

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidhrol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-11 ta' Lulju 2022.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNEX I

Skema għat-testijiet li għandhom jitwettqu skont l-Artikoli 3, 4, 5, u 7

1. PRINĊIPJI ĠENERALI DWAR IL-PREŻENZA TAL-PEST SPEĊIFIKAT

1.1. Il-preżenza tal-pest speċifikat tkun issuspettata fejn jinkiseb riżultat pożittiv fl-ewwel test ta' detezzjoni mwettaq fuq il-pjanta speċifikata, jew fuq kampjuni tal-ilma.

1.2. Il-preżenza tal-pest speċifikat tiġi kkonfermata fil-każijiet li ġejjin:

(a) meta l-ewwel jew it-tieni test ta' detezzjoni jkun iżolament selettiv li jirriżulta f'kolonji b'morfoloġija tipika, u jinkisbu riżultati pożittivi f'żewġ testijiet ta' identifikazzjoni mwettqa fuq il-kolonji;

(b) meta l-ewwel u t-tieni testijiet ikunu testijiet differenti mill-iżolament selettiv, u jinkisbu riżultati pożittivi f'żewġ testijiet ta' identifikazzjoni wara li l-kampjun ikun ġie ssoġġettat għal iżolament selettiv li jirriżulta f'kolonji b'morfoloġija tipika.

Wieħed minn dawk iż-żewġ testijiet ta' identifikazzjoni għandu jkun test imsemmi fil-punti 2.2(e), (f) u (g).

2. TESTIJET

2.1. Testijiet ta' detezzjoni

It-testijiet ta' detezzjoni għandhom ikunu tali li b'mod konsistenti jindividwaw mill-inqas 10^4 ċellola/ml ta' pellet sospiża mill-ġdid miksuba minn kampjuni asintomatiċi.

It-tieni test ta' detezzjoni għandu jkun ibbażat fuq prinċipji bijoloġiċi differenti jew reġjuni tan-nukleotid differenti mill-ewwel test ta' detezzjoni.

It-testijiet ta' detezzjoni huma dawn li ġejjin:

(a) testijiet tal-immunofluworexxenza kif deskritti fl-istandards dijanjostiċi internazzjonali;

(b) l-iżolament tal-pest speċifikat fuq il-medium ta' tkabbir semi-selettiv mSMSA, kif deskritt fl-istandards dijanjostiċi internazzjonali;

(c) test tal-PCR konvenzjonali bl-użu tal-primers ta' Pastrik *et al.*, (2002) ⁽¹⁾, kif deskritt fl-istandards dijanjostiċi internazzjonali;

(d) Testijiet tal-PCR TaqMan® f'ħin reali bl-użu ta' primers u sonni ta':

(i) Weller *et al.* (2000) ⁽²⁾, kif deskritt fl-istandards dijanjostiċi internazzjonali;

(ii) Vreeburg *et al.* (2016) ⁽³⁾ (bl-użu ta' sonda TaqMan® immodifikata mis-sonda oriġinali deskritta minn Weller *et al.* (2000), kif deskritt fl-istandards dijanjostiċi internazzjonali;

⁽¹⁾ Pastrik, K.H., Elphinstone, J.G., Pukall, R. (2002) Sequence analysis and detection of *Ralstonia solanacearum* by multiplex PCR amplification of 16S-23S ribosomal intergenic spacer region with internal positive control. *European Journal of Plant Pathology* 108, 831–842.

⁽²⁾ Weller, S.A., Elphinstone, J.G., Smith, N., Boonham, N., Stead, D.E. (2000). Detection of *Ralstonia solanacearum* strains with a quantitative, multiplex, real-time, fluorogenic PCR (TaqMan) assay. *Applied and Environmental Microbiology*. 66, 2853–2858. <https://journals.asm.org/doi/10.1128/AEM.66.7.2853-2858.2000>.

⁽³⁾ Vreeburg, R.A.M., Bergsma-Vlami, M., Bollema, R.M., de Haan, E.G., Kooman-Gersmann, M., Smits-Mastebroek, L., Tameling, W.I.L., Tjou-Tam-Sin, N.N.A., van de Vossen B.T.L.H, Janse, J.D. (2016). Performance of real-time PCR and immunofluorescence for the detection of *Clavibacter michiganensis* subsp. *sepedonicus* and *Ralstonia solanacearum* in potato tubers in routine testing. *Bulletin OEPP/EPPO Bulletin* 46, 112–121.

- (iii) Vreeburg *et al.* (2018) ⁽⁴⁾ (l-hekk imsejjaħ test NYtor), kif deskritt fl-istandards dijanjostiċi internazzjonali;
- (iv) Massart *et al.* (2014) ⁽⁵⁾, kif deskritt fl-istandards dijanjostiċi internazzjonali;
- (e) Test LAMP (amplifikazzjoni isotermika medjata minn loops) bl-użu tal-primers ta' Lenarčič *et al.* (2014) ⁽⁶⁾ (għall-użu biss fuq materjal mill-pjanti sintomatiku), kif deskritt fl-istandards dijanjostiċi internazzjonali;

2.2. Testijiet ta' identifikazzjoni

It-testijiet ta' identifikazzjoni huma dawn li ġejjin:

- (a) testijiet tal-immunofluworexxenza kif deskritti fl-istandards dijanjostiċi internazzjonali;
- (b) testijiet tal-PCR konvenzjonali bl-użu tal-primers ta' Pstrik *et al.* (2002), kif deskritt fl-istandards dijanjostiċi internazzjonali;
- (c) Testijiet tal-PCR TaqMan® f'ħin reali bl-użu ta' primers u sondi ta':
 - (i) Weller *et al.* (2000), kif deskritt fl-istandards dijanjostiċi internazzjonali;
 - (ii) Vreeburg *et al.* (2016) (bl-użu ta' sonda TaqMan® immodifikata mis-sonda oriġinali deskritta minn Weller *et al.* (2000)), kif deskritt fl-istandards dijanjostiċi internazzjonali;
 - (iii) Vreeburg *et al.* (2018) (l-hekk imsejjaħ test NYtor), kif deskritt fl-istandards dijanjostiċi internazzjonali;
 - (iv) Massart *et al.* (2014), kif deskritt fl-istandards dijanjostiċi internazzjonali;
- (d) Test LAMP (amplifikazzjoni isotermika medjata minn loops) bl-użu tal-primers ta' Lenarčič *et al.* (2014), kif deskritt fl-istandards dijanjostiċi internazzjonali;
- (e) test tal-PCR konvenzjonali multiplu speċifiku għall-filotip (Opina *et al.* (1997) ⁽⁷⁾; Fegan & Prior (2005) ⁽⁸⁾), kif deskritt fl-istandards dijanjostiċi internazzjonali;
- (f) Barcoding tad-DNA (Wicker *et al.* (2007) ⁽⁹⁾), kif deskritt fl-istandards dijanjostiċi internazzjonali;
- (g) MALDI-TOF MS (van de Bilt *et al.* (2018) ⁽¹⁰⁾), kif deskritt fl-istandards dijanjostiċi internazzjonali.

⁽⁴⁾ Vreeburg, R., Zendman, A., Pol A., Verheij, E., Nas, M., Kooman-Gersmann, M. (2018). Validation of four real-time TaqMan PCRs for the detection of *Ralstonia solanacearum* and/or *Ralstonia pseudosolanacearum* and/or *Clavibacter michiganensis* subsp. *sepedonicus* in potato tubers using a statistical regression approach. *EPPPO Bulletin* 48, 86–96.

⁽⁵⁾ Massart, S., Nagy, C., Jijakli, M.H. (2014). Development of the simultaneous detection of *Ralstonia solanacearum* race 3 and *Clavibacter michiganensis* subsp. *sepedonicus* in potato tubers by a multiplex real-time PCR assay. *European Journal of Plant Pathology* 138, 29–37.

⁽⁶⁾ Lenarčič, R., Morisset, D., Pirc, M., Llop, P., Ravnkar, M., Dreo, T. (2014). Loop-mediated isothermal amplification of specific endoglucanase gene sequence for detection of the bacterial wilt pathogen *Ralstonia solanacearum*. *PLoS ONE* 9(4), e96027. <https://doi.org/10.1371/journal.pone.0096027>.

⁽⁷⁾ Opina, N., Tavner, E., Holloway, G., Wang, J.F., Li, T.H., Maghirang, R., Fegan, M., Hayward, A.C., Viji Krishnapillai, A., Wai-Foong Hong, Holloway, B.W., Timmis, J.N. (1997). A novel method for development of species and strainspecific DNA probes and PCR primers for identifying *Burkholderia solanacearum* (formerly *Pseudomonas solanacearum*). *Asia-Pacific Journal of Molecular Biology and Biotechnology* 5, 19–30.


⁽⁸⁾ Fegan, M., Prior, P. (2005). How complex is the “*Ralstonia solanacearum* species complex”. *Bacterial Wilt Disease and the Ralstonia solanacearum Species Complex* (edituri Allen C, Hayward AC & Prior P), pp. 449–461. American Phytopathological Society, St Paul, MN (l-Istati Uniti).

⁽⁹⁾ Wicker, E., Grassart, L., Coranson-Beaudu, R., Mian, D., Guilbaud, C., Fegan, M., Prior, P. (2007). *Ralstonia solanacearum* strains from Martinique French West Indies) exhibiting a new pathogenic potential. *Applied and Environmental Microbiology* 73, 6790–6801.

⁽¹⁰⁾ van de Bilt, J.L.J., Wolsink, M.H.L., Gorkink-Smits, P.P.M.A., Landman, N.M., Bergsma-Vlami, M. (2018). Application of Matrix-Assisted Laser Desorption Ionization Time-Of-Flight Mass Spectrometry for rapid and accurate identification of *Ralstonia solanacearum* and *Ralstonia pseudosolanacearum*. *European Journal of Plant Pathology*. <https://doi.org/10.1007/s10658-018-1517-5>.


3. DIJAGRAMMI SEKWENZJALI TAL-PROĊEDURI

Dijagramma sekwenzjali Nru 1: Proċedura dijanjostika għall-preżenza tal-pest speċifikat f'kampjuni tal-pjanta speċifikata.



- a L-iżolament jista' jintuża bħala l-ewwel jew it-tieni test ta' detezzjoni. Jekk il-preżenza tal-pest speċifikat tkun issuspettata fuq il-medium ta' tkabbir, il-kolonji għandhom jiġu ppurifikati biex jinkisbu kulturi puri li fuqhom għandhom jitwettqu żewġ testijiet ta' identifikazzjoni.
- b Wieħed minn dawn iż-żewġ testijiet ta' identifikazzjoni għandu jkun test imsemmi fil-punti 2.2(e), (f) u (g). Huma meħtieġa riżultati pożittivi fiż-żewġ testijiet ta' identifikazzjoni biex tiġi kkonfermata l-preżenza tal-pest.
- c It-tielet test ta' detezzjoni għandu jkun ibbażat fuq prinċipji bijoloġiċi differenti jew fuq reġjuni tan-nukleotid differenti.

Dijagramma sekwenzjali Nru 2: Proċedura dijanjostika għall-pest speċifikat fil-kampjuni tal-ilma.



- a Wieħed minn dawn iż-żewġ testijiet ta' identifikazzjoni għandu jkun test imsemmi fil-punti 2.2(e), (f) u (g). Huma meħtieġa riżultati pożittivi fiż-żewġ testijiet ta' identifikazzjoni biex tiġi kkonfermata l-preżenza tal-pest.

4. PREPARAZZJONI TAL-KAMPJUNI

4.1. Kampjuni minn tuberi asintomatiċi

Il-kampjun standard għandu jkun fiha 200 tuberu għal kull test. Il-proċedura x-xierqa tal-laboratorju għall-ipproċessar tal-qalba tan-naħa tal-għarqub biex jinkiseb l-estratt għad-detezzjoni tal-pest speċifikat hija deskritta fl-istandards dijanjostiċi internazzjonali.

4.2. Kampjuni minn pjanti speċifikati asintomatiċi

Id-detezzjoni ta' infezzjonijiet latenti għandha titwettag fuq kampjuni komposti ta' segmenti miz-zokk jew miz-zokk iż-żgħir tal-werqa li jgħaqqad maz-zokk prinċipali. Il-proċedura tista' tiġi applikata fuq sa 200 parti taz-zokk jew 200 zokk tal-werqa minn pjanti differenti f'kampjun wieħed. Il-proċedura x-xierqa tal-laboratorju biex jiġu ddiżinfettati u pproċessati s-segmenti taz-zokk jew taz-zokk tal-werqa biex jinkiseb l-estratt għad-detezzjoni tal-pest speċifikat hija deskritta fl-istandards dijanjostiċi internazzjonali.

4.3. Kampjuni minn materjal sintomatiku tal-pjanti speċifikati

Għandhom jitneħħew sezzjonijiet tat-tessut b'mod asettiku miċ-ċirku vaskulari f'tuberu tal-patata jew mis-saffi vaskulari fiz-zkuk ta' pjanti speċifikati li juru sintomi ta' tidbil. Il-proċedura x-xierqa tal-laboratorju biex dawn it-tessuti jiġu pproċessati biex jinkiseb l-estratt għad-detezzjoni tal-pest speċifikat hija deskritta id-dettall fl-istandards dijanjostiċi internazzjonali.

4.4. Kampjuni tal-ilma tal-wiċċ jew tar-riċirkolazzjoni (inkluż tal-ipproċessar tal-patata jew tal-effluwenti tad-drenaġġ)

It-test prinċipali għad-detezzjoni tal-pest speċifikat f'kampjuni tal-ilma tal-wiċċ, tal-ilma mis-sistemi ta' riċirkolazzjoni u ta' kampjuni tal-effluwent (l-industrija tal-ipproċessar tal-patata) huwa iżolament selettiv. Il-proċedura x-xierqa tal-laboratorju għall-ipproċessar tal-kampjuni tal-ilma hija deskritta fl-istandards dijanjostiċi internazzjonali.

Mudell tal-istħarriġ imsemmi fl-Artikolu 3(3)

Mudell għall-preżentazzjoni tar-riżultati tal-istħarriġ dwar it-taħsir kannella waqt il-ħsad tal-patata u tat-tadam tas-sena kalendarja preċedenti.

Din it-tabella għandha tintuża biss għar-riżultati tal-istħarriġ dwar il-patata u t-tadam maħsuda f'pajjiżek.

Stat Membru	Kategorija	Żona ta' kultivazzjoni (ħa)	Ittestjar fil-laboratorju						Spezzjoni viżiva tat-tuberi ⁽¹⁾			Spezzjonijiet viżivi tal-għalla li tkun qed tikber ⁽¹⁾			Informazzjoni oħra
			Għadd ta' kampjuni	Għadd ta' lortijiet	Daqs tal-lortijiet (f't jew ħa)	Perjodu tal-kampjunar	Għadd ta' pozzittivi		Għadd ta' kampjuni spezzjonati	Daqs tal-kampjun	Għadd ta' kampjuni pozzittivi ⁽²⁾	Għadd ta' spezzjonijiet viżivi	Għadd ta' ħa (patata) jew pjanti (tadam)	Għadd ta' riżultati pozzittivi ⁽²⁾	
							Kampjuni	Lortijiet							
	Tuberi ċċertifikati għat-tħawwil														
	Tuberi oħra għat-tħawwil (speċifika)														
	Patata għall-konsum u għall-ipproċessar														
	Tuberi oħra (speċifika)														
	Tadam maħsub għat-tħawwil mill-ġdid														
	Ospitanti oħra (speċifika l-ispeċi, ix-xmara/iż-żona)														
	L-ilma (speċifika x-xmara/iż-żona/il-post fejn jinsab l-impjant u l-metodu tal-analiżi)														

⁽¹⁾ Għandu jinftiehem bħala eżami makroskopiku tat-tuberi jew tal-għelejjel.

⁽²⁾ Instabu s-sintomi, ittieħed kampjun u l-ittestjar fil-laboratorju kkonferma l-preżenza tal-pest speċifikat.

ANNEX III

L-investigazzjoni msemmija fl-Artikolu 5(2), il-punt (a), l-Artikolu 5(3), l-ewwel subparagrafu, il-punt (a) u fl-Artikolu 5(4), l-ewwel subparagrafu, il-punt (a)

L-investigazzjoni msemmija fl-Artikolu 5(2), il-punt (a), fl-Artikolu 5(3), l-ewwel subparagrafu, il-punt (a), u fl-Artikolu 5(4), l-ewwel subparagrafu, il-punt (a), għandha tikkonċerna l-elementi li ġejjin, fejn rilevanti:

1. postijiet tal-produzzjoni:
 - (a) it-tkabbir, attwali jew preċedenti, ta' patata li tkun relatata klonalment ma' patata li nstabet infettata bil-pest speċifikat;
 - (b) it-tkabbir, attwali jew preċedenti, ta' tadam li jkun mill-istess sors tat-tadam li nstab infettat bil-pest speċifikat;
 - (c) it-tkabbir, attwali jew preċedenti, ta' patata jew tadam li jkunu tpoġġew taħt kontroll uffiċjali minħabba l-preżenza suspettata tal-pest speċifikat;
 - (d) it-tkabbir, attwali jew preċedenti, ta' patata li tkun relatata klonalment ma' patata li tkun tkabbret f'postijiet ta' produzzjoni li jkunu nstabu infettati bil-pest speċifikat;
 - (e) it-tkabbir attwali ta' patata jew tadam u li jinsabu fl-inħawi ta' postijiet ta' produzzjoni infettati, inklużi dawk il-postijiet ta' produzzjoni li jaqsmu t-tagħmir u l-faċilitajiet ta' produzzjoni direttament jew permezz ta' kuntrattur komuni;
 - (f) l-użu tal-ilma tal-wiċċ għat-tisqija jew għall-bexx minn kwalunkwe sors ikkonfermat jew issuspettat li jkun infestat bil-pest speċifikat;
 - (g) l-użu tal-ilma tal-wiċċ għat-tisqija jew għall-bexx minn sors użat b'mod komuni ma' postijiet ta' produzzjoni kkonfermati jew issuspettati li huma infettati bil-pest speċifikat;
 - (h) mġarrqa jew li kienu mġarrqa bl-ilma tal-wiċċ ikkonfermat jew issuspettat li huwa infettat bil-pest speċifikat; u
2. ilma tal-wiċċ użat għat-tisqija jew għall-bexx tal-pjanti speċifikati, jew li għarraq għalqa/għelieqi jew post(ijiet) ta' produzzjoni kkonfermat(i) li huwa/huma infettat(i) bil-pest speċifikat.

ANNEX IV

Elementi għad-deżinjazzjoni ta' oġġetti li probabbilment huma infettati bil-pest speċifikat skont l-Artikolu 5(2), il-punt (b)(ii) u l-Artikolu 5(4), it-tieni subparagrafu, il-punt (b) u għad-determinazzjoni tat-tifrix possibbli tal-pest speċifikat skont l-Artikolu 5(2), il-punt (c) u l-Artikolu 5(4), l-ewwel subparagrafu, punt (b)

1. L-elementi li għandhom jitqiesu għad-deżinjazzjoni ta' oġġett bħala probabbilment infettat mill-pest speċifikat skont l-Artikolu 5(2), il-punt (b)(ii) u l-Artikolu 5(4), it-tieni subparagrafu, il-punt (b) huma dawn li ġejjin:
 - (a) pjanti speċifikati mkabbra f'post tal-produzzjoni ddeżinjat bħala infettat skont l-Artikolu 5(2), il-punt (d)(i);
 - (b) post(ijiet) tal-produzzjoni b'xi konnessjoni tal-produzzjoni mal-pjanti speċifikati ddeżinjati bħala infettati skont l-Artikolu 5(2), il-punt (d)(i), inkluż dawk li jaqsmu t-tagħmir u l-faċilitajiet ta' produzzjoni direttament jew permezz ta' kuntrattur komuni;
 - (c) pjanti speċifikati prodotti fil-post(ijiet) tal-produzzjoni msemmija fil-punt (b), jew preżenti ftali post(ijiet) tal-produzzjoni matul il-perjodu meta l-pjanti speċifikati ddeżinjati bħala infettati skont l-Artikolu 5(2), il-punt (d)(i), kienu preżenti fil-post tal-produzzjoni msemmi fil-punt (a);
 - (d) l-impjant fejn jiġu ttrattati l-pjanti speċifikati mill-postijiet tal-produzzjoni msemmija fil-punti (a), (b) u (c);
 - (e) kull makkinarju, vettura, bastiment, maħżen, jew unitajiet tagħhom, u kull oġġett ieħor inkluż materjal għall-imbagg, li seta' ġie f'kuntatt mal-pjanti speċifikati ddeżinjati bħala infettati skont l-Artikolu 5(2), il-punt (d)(i);
 - (f) kull pjanta speċifikata maħżuna, jew li ġiet f'kuntatt ma' xi struttura jew oġġett elenkat fl-inċiż preċedenti, qabel ma jkun seħħ it-tindif u qabel ma tkun seħħet id-dizinfekzjoni ta' dawk l-istrutturi jew oġġetti;
 - (g) b'riżultat tal-investigazzjoni u l-ittestjar skont l-Artikolu 5(2), il-punt (a), fil-każ tal-patata, dawk it-tuberi jew il-pjanti b'relazzjoni ta' klonagg ta' aħwa jew ta' ġenituri ma', u fil-każ tat-tadam, dawk il-pjanti bl-istess sors bħall-pjanti speċifikati ddeżinjati bħala infettati skont l-Artikolu 5(2), il-punt (d)(i), u li għalkemm jista' jkun li t-test tagħhom ħareġ riżultat negattiv għall-pest speċifikat, jidher li x'aktarx ikunu infettati permezz ta' konnessjoni ta' klonagg;
 - (h) il-post(ijiet) tal-produzzjoni tal-pjanti speċifikati msemmija fil-punt (g);
 - (i) il-post(ijiet) tal-produzzjoni tal-pjanti speċifikati li jużaw l-ilma għat-tisqija jew għall-bexx indikati bħala infettati skont l-Artikolu 5(4), it-tielet subparagrafu, il-punt (a);
 - (j) pjanti speċifikati prodotti fsiti tal-produzzjoni mgħarrqa bl-ilma tal-wiċċ ikkonfermat li huwa infettat.
2. L-elementi li għandhom jitqiesu fid-determinazzjoni tat-tifrix possibbli tal-pest speċifikat skont l-Artikolu 5(2), il-punt (c), u l-Artikolu 5(4), l-ewwel subparagrafu, il-punt (b), huma dawn li ġejjin:
 - (a) fiż-żona demarkata stabbilita skont l-Artikolu 5(2), il-punt (b):
 - (i) il-qrubija tal-postijiet oħra tal-produzzjoni li jkabbri l-pjanti speċifikati,
 - (ii) il-produzzjoni u l-użu komuni ta' ħażniet ta' tuberri għat-tħawwil;
 - (iii) il-postijiet tal-produzzjoni li jużaw l-ilma tal-wiċċ għat-tisqija jew għall-bexx ta' pjanti speċifikati f'każijiet meta jkun hemm jew kien hemm riskju ta' skular tal-ilma tal-wiċċ minn, jew għargħar ta', post(ijiet) tal-produzzjoni ddeżinjati bħala infettati skont l-Artikolu 5(2), il-punt (d)(i);
 - (b) f'każijiet fejn l-ilma tal-wiċċ ikun ġie ddeżinjat bħala infettat skont l-Artikolu 5(4), it-tielet subparagrafu, il-punt (a):
 - (i) post(ijiet) tal-produzzjoni li jipproduċi/jipproduċu pjanti speċifikati li jkunu maġenb ilma tal-wiċċ iddeżinjat bħala infettat, jew f'riskju ta' għargħar minnu;
 - (ii) kwalunkwe ħawt tat-tisqija separat assoċjat mal-ilma tal-wiċċ iddeżinjat bħala infettat;

- (iii) korpi tal-ilma f'kuntatt mal-ilma tal-wiċċ iddeżinjat bħala infettat, meta wieħed jikkunsidra:
- id-direzzjoni u r-rata tal-fluss tal-ilma ddeżinjat bħala infettat;
 - il-preżenza ta' pjanti ospitanti slavaġ tal-familja Solanaceae.
-

ANNEX V

Miżuri ta' eradikazzjoni kif imsemmija fl-Artikolu 6

1. Il-miżuri msemmija fl-Artikolu 6(1) għandhom ikunu waħda jew aktar minn dawn li ġejjin:
 - (a) użu bħala għalf tal-annimali wara trattament bis-sħana, b'mod li ma jkun hemm l-ebda riskju ta' sopravivenza tal-pest speċifikat;
 - (b) rimi f'sit li jkun approvat uffiċjalment iddedikat għar-rimi tal-iskart fejn ma jkun hemm l-ebda riskju identifikabbli ta' ħruġ tal-pest speċifikat fl-ambjent eż. permezz ta' tnixxija fir-raba';
 - (c) inċinerazzjoni;
 - (d) ipproċessar industrijali permezz ta' konsenja diretta u immedjata f'impjant tal-ipproċessar b'faċilitajiet ta' rimi ta' skart approvati uffiċjalment li dwarhom ikun ġie stabbilit li ma jkun hemm l-ebda riskju identifikabbli li l-pest speċifikat jista' jnfirex, u b'sistema ta' tindif u diżinfekzzjoni ta' mill-inqas il-vetturi li jtilqu mis-sit;
 - (e) miżuri oħra, sakemm ikun ġie stabbilit li ma jkun hemm l-ebda riskju identifikabbli li l-pest speċifikat jista' jnfirex; dawn il-miżuri u l-ġustifikazzjoni tagħhom iridu jiġu nnotifikati lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra.

Kull skart li jifdal li huwa assoċjat ma' dak li jissemma hawn fuq u li jinħoloq minnu għandu jintrema b'metodi li jkunu approvati uffiċjalment f'konformità mal-Anness VI.
2. L-użu jew ir-rimi xierqa tal-pjanti speċifikati deżinjati bħala probabbilment infettati skont l-Artikolu 6(2), għandhom jitwettqu taħt il-kontroll tal-awtorità kompetenti. Dik l-awtorità kompetenti għandha tapprova l-użi li ġejjin, u r-rimi tal-iskart relatat, ta' dawk il-pjanti speċifikati:
 - (a) għat-tuberi tal-patata:
 - (i) użu bħala tuber maħsuba għall-konsum, ippakkjati lesti għall-konsenja diretta u użu mingħajr ippakkjar mill-ġdid, f'sit b'faċilitajiet xierqa ta' rimi tal-iskart. It-tuberi għat-tħawwil jistgħu jiġu ttrattati fl-istess sit biss jekk dan isir separatament jew wara t-tindif u d-disinfekzzjoni; jew
 - (ii) użu bħala tuber maħsuba għall-ipproċessar industrijali, u maħsuba għall-konsenja diretta u immedjata lill-impjant ta' ipproċessar b'faċilitajiet xierqa ta' rimi tal-iskart u sistema ta' tindif u diżinfekzzjoni ta' mill-inqas il-vetturi li jtilqu mis-sit; jew
 - (iii) xi użu jew rimi ieħor, sakemm ikun ġie stabbilit li ma jkun hemm l-ebda riskju identifikabbli tal-firxa tal-pest speċifikat, u soġġett għall-approvazzjoni mill-awtorità kompetenti.
 - (b) għal partijiet oħra tal-pjanti, tal-pjanti speċifikati, inklużi l-fdalijiet taz-zokk u tal-weraq:
 - (i) qerda; jew
 - (ii) xi użu jew rimi ieħor, sakemm ikun ġie stabbilit li ma jkun hemm l-ebda riskju identifikabbli tal-firxa tal-pest speċifikat, u soġġett għall-approvazzjoni mill-awtorità kompetenti.
3. Il-metodi xierqa għat-tindif u disinfezzjoni tal-oġġetti msemmija fl-Artikolu 6(3) għandhom ikunu dawk li għalihom ġie stabbilit li ma jkun hemm l-ebda riskju li l-pest speċifikat jnfirex u għandhom jintużaw taħt is-sorveljanza tal-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri.
4. Is-serje ta' miżuri li għandhom jiġu implimentati mill-Istati Membri fiż-żona/i demarkata/i, stabbilita/i skont l-Artikolu 5 u msemmija fl-Artikolu 6(4), għandha tinkludi l-miżuri stabbiliti fil-punti 4.1 u 4.2:
 - 4.1. Miżuri li għandhom jittieħdu f'postijiet tal-produzzjoni ddeżinjati bħala infettati skont l-Artikolu 5(2), il-punt (d)(i):

4.1.1. F'sit tal-produzzjoni jew f'unità ta' produzzjoni ta' ghelejje protetti ddeżinjati bħala infettati skont l-Artikolu 5(2), il-punt (d)(i), il-miżuri kollha stabbiliti fil-punti (1), (2) u (3), jew għandhom jittieħdu l-miżuri kollha stabbiliti fil-punti (4), (5), (6) u (7):

- (1) fl-ewwel erba' snin ta' tkabbir wara dik tad-deżinjazzjoni tal-infezzjoni, l-eliminazzjoni ta' pjanti speċifikati volontiera, kif ukoll ta' pjanti solanaċji selvaġġi oħra li jospitaw il-pest speċifikat, u l-projbizzjoni tat-tħawwil ta' pjanti speċifikati, ta' żrieragħ tal-patata u tat-tadam, filwaqt li titqies il-bijoloġija tal-pest speċifikat, tal-pjanti ospitanti solanaċji kkultivati, u ta' pjanti ta' speċijiet ta' *Brassica*, li li dwarhom ġie identifikat ir-riskju tas-sopravvivenza tal-pest speċifikat;
- (2) mill-ħames sena wara dik tad-deżinjazzjoni tal-infezzjoni, wara li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet tal-punt (1) u bil-kundizzjoni li s-sit tal-produzzjoni jkun instab ħieles minn pjanti speċifikati volontiera u minn pjanti solanaċji selvaġġi ospitanti waqt il-kontrolli uffiċjali għal mill-inqas sentejn ta' tkabbir konsekuttivi qabel it-tħawwil, it-tuberi tal-patata biss, minbarra dawk maħsuba għar-riproduzzjoni ta' patata oħra, għandhom jitħallew jitħawlu, u t-tuberi tal-patata maħsuda, jew il-pjanti tat-tadam, skont il-każ, għandhom jiġu ttestjati f'konformità mal-Anness I;
- (3) wara l-ewwel produzzjoni tal-pjanti speċifikati kif imsemmi fil-punt (2), u wara ċiklu ta' rotazzjoni xieraq ta' mill-inqas sentejn jekk ikunu se jtkabbru t-tuberi għat-tħawwil, għandu jitwettaq sħarriġ kif previst fl-Artikolu 3; jew
- (4) matul l-ewwel ħames snin ta' tkabbir wara dik tad-deżinjazzjoni tal-infezzjoni, l-eliminazzjoni ta' pjanti speċifikati volontiera kif ukoll ta' pjanti solanaċji selvaġġi li jospitaw il-pest speċifikat;
- (5) matul l-ewwel tliet snin wara dik tad-deżinjazzjoni tal-infezzjoni, il-manutenzjoni tas-sit tal-produzzjoni, jew f'art mistrieħa għerja, jew f'ċereali skont ir-riskju identifikat, jew f'merġha permanenti fejn il-ħaxix ta' sikwit jinqata' qasir ħafna, jew li tintuża għar-ragħja intensiva, jew jintuża l-ħaxix għall-produzzjoni taż-żrieragħ;
- (6) matul ir-raba' u l-ħames snin wara dik tad-deżinjazzjoni tal-infezzjoni, it-tħawwil ta' pjanti mhux ospitanti tal-pest speċifikat, li għalihom ma jkun hemm l-ebda riskju identifikat tas-sopravvivenza tal-pest speċifikat jew li jinfirex;
- (7) mis-sitt sena wara d-deżinjazzjoni tal-infezzjoni, u bil-kundizzjoni li l-punti (4), (5) u (6) jkunu ġew issodisfati u li waqt il-kontrolli uffiċjali s-sit tal-produzzjoni ikun ilu jinstab ħieles minn pjanti volontiera speċifikati kif ukoll minn pjanti solanaċji selvaġġi li jospitaw il-pest speċifikat għal mill-inqas sentejn ta' tkabbir konsekuttivi qabel ma għandu jkun permess tħawwil, produzzjoni ta' tuberi għat-tħawwil jew ta' tuber oħra, u t-tuberi maħsuda, jew il-pjanti tat-tadam, skont il-każ, għandhom jiġu ttestjati f'konformità mal-Anness I.

4.1.2. Fis-siti tal-produzzjoni l-oħrajn kollha tal-post tal-produzzjoni infettat u bil-kundizzjoni li l-awtoritajiet kompetenti jkunu stabbilew li r-riskju ta' pjanti speċifikati volontiera u ta' pjanti solanaċji selvaġġi li jospitaw il-pest speċifikat, skont il-każ, ikun ġie eliminat, għandhom japplikaw il-kundizzjonijiet li ġejjin:

- (1) Il-pjanti ċċertifikati tat-tuberi tal-patata jistgħu jitħawlu f'siti tal-produzzjoni fejn, mill-inqas tul sentejn, ma tkun tkabbret l-ebda patata jew pjanti ospitanti solanaċjikkultivati oħra, u jiġu ssodisfati r-rekwiżiti kollha li ġejjin:
 - (a) l-investigazzjonijiet imwettqa mill-awtorità kompetenti jkunu wrew li s-sors tal-infezzjoni fil-post tal-produzzjoni kien biss klonali, u mhux minħabba kuntatt ma' lottijiet oħrajn ta' tuber;
 - (b) dawk l-investigazzjonijiet ikunu bbażati fuq rekords tat-testijiet tal-lottijiet l-oħrajn kollha tal-patata li jkunu tkabbru fil-post tal-produzzjoni, kif ukoll fuq investigazzjonijiet ta' sorsi possibbli oħra ta' infestazzjoni, u speċjalment passaġġi tal-ilma fil-qrib;
 - (c) it-tuberi prodotti f'dawn is-siti tal-produzzjoni jkunu ġew ittestjati qabel ma jiġu kkummerċjalizzati, f'konformità mal-Anness I.
- (2) F'każijiet oħra, għandhom japplikaw il-kundizzjonijiet li ġejjin:
 - (a) matul is-sena ta' tkabbir ta' wara d-deżinjazzjoni tal-infezzjoni:
 - (i) fil-każ tal-patata, jew ma għandhom jitħawwlu ebda tuber, pjanta jew żerriegħa tal-patata, u ebda pjanta solanaċja oħra kkultivata ospitanti tal-pest speċifikat, inkella jistgħu jitħawlu tuberi ċċertifikati għat-tħawwil għall-produzzjoni ta' tuber għall-konsum biss;

- (ii) fil-każ tat-tadam, jistgħu jiġu kkoltivati biss pjanti tat-tadam minn żrieragħ li jilħqu r-reqwiziti tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/2072 ⁽¹⁾ għall-produzzjoni tal-frott;
- (b) fit-tieni sena ta' tkabbir ta' wara d-deżinjazzjoni tal-infezzjoni:
 - (i) għandhom jitħawlu biss tuberi ċċertifikati għat-tħawwil jew tuberi għat-tħawwil ittestjati għan-nuqqas tal-pest speċifikat u mkabbra taħt kontroll uffiċjali fuq postijiet tal-produzzjoni għajr dawk imsemmija fil-punt 4.1 għall-produzzjoni ta' tuberi għat-tħawwil jew ta' tuberi oħra;
 - (ii) pjanti tat-tadam biss li huma kkoltivati minn żrieragħ u li jissodisfaw ir-reqwiziti tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/2072 jew, jekk ikunu ppropagati veġetattivament, minn pjanti tat-tadam li huma prodotti minn tali żrieragħ u kkoltivati taħt kontrolli uffiċjali f'postijiet ta' produzzjoni li ma humiex dawk li jissemmew fil-punt 4.1, għandhom ikunu kkoltivati għall-produzzjoni tal-pjanti jew tal-frott;
- (c) għal mill-inqas it-tielet sena ta' tkabbir wara dik li fiha ġiet iddeżinjata l-infezzjoni:
 - (i) għandhom jitħawlu biss tuberi ċċertifikati għat-tħawwil jew tuberi għat-tħawwil imkabbra taħt kontroll uffiċjali għall-produzzjoni ta' tuberi għat-tħawwil jew ta' tuberi oħra;
 - (ii) il-pjanti tat-tadam biss li jkunu kkoltivati minn żrieragħ u li jissodisfaw ir-reqwiziti tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/2072 jew il-pjanti tat-tadam li jkunu kkoltivati taħt kontroll uffiċjali minn tali pjanti għandhom jiġu kkoltivati għall-produzzjoni tal-frott jew tal-pjanti;
- (d) f'kull waħda mis-snin ta' tkabbir imsemmija fil-punti (a), (b) u (c), għandhom jittieħdu miżuri biex jiġu eliminati l-pjanti voluntiera tal-patata u l-pjanti solanaċji selvaġġi ospitanti tal-pest speċifikat jekk ikunu preżenti, u għandhom isiru l-kontrolli uffiċjali tal-għelejjet tal-tkabbir fi żminijiet xierqa u f'kull sit tal-produzzjoni tal-patata, it-tuberi maħsuda għandhom jiġu ttestjati f'konformità mal-Anness I.

4.1.3. Immedjatament wara d-deżinjazzjoni ta' infezzjoni skont l-Artikolu 5(2), il-punt (d)(i), u wara l-ewwel sena ta' tkabbir sussegwenti:

- (1) Il-makkinarju u l-faċilitajiet tal-ħżin kollha fuq il-post tal-produzzjoni u involuti fil-produzzjoni tal-patata u tat-tadam għandhom jtnaddfu u, meta jkun xieraq, iddiżinfettati bl-użu ta' metodi xierqa, kif speċifikat fil-punt 3.
- (2) Għandhom jiġu introdotti kontrolli uffiċjali fuq il-programmi tat-tisqija u tal-bexx, inkluża l-projbizzjoni tagħhom, skont il-każ, biex tkun evitata l-firxa tal-pest speċifikat.

4.1.4. F'unità tal-produzzjoni tal-pjanti protetta ddeżinjata bħala infettata skont l-Artikolu 5(2), il-punt (d)(i), meta tkun possibbli sostituzzjoni kompleta tal-materjal għat-tkabbir:

- (1) Ma għandha titħawwel l-ebda pjanta speċifikata, l-ebda żerriegħa ta' patata u l-ebda pjanta solanaċja kkoltivata oħra ospitanti tal-pest speċifikat sakemm l-unità tal-produzzjoni ma tkunx ġiet issoġġettata għall-miżuri kollha taħt superviżjoni uffiċjali li ġejjin:
 - (a) l-eliminazzjoni tal-pest speċifikat;
 - (b) it-tneħħija tal-materjal tal-pjanti ospitanti kollu;
 - (c) bidla sħiħa tal-materjal għat-tkabbir u t-tindif u, fejn xieraq, id-diżinfekzjoni tal-unità msemmija u tat-tagħmir kollu;
 - (d) l-approvazzjoni tal-produzzjoni tal-patata jew tat-tadam mill-awtorità kompetenti.
- (2) Il-produzzjoni tal-patata għandha tkun minn tuberi għat-tħawwil iċċertifikati, jew minn tuberi zġhar jew mikro-pjanti dderivati minn sorsi ttestjati.

⁽¹⁾ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/2072 tat-28 ta' Novembru 2019 li jstabbilixxi l-kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni tar-Regolament (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward il-miżuri protettivi kontra l-pesti tal-pjanti, u li jħassar ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 690/2008 u jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/2019 (ĠU L 319, 10.12.2019, p. 1).

- (3) Il-produzzjoni tat-tadam għandha tkun minn żrieragħ li jissodisfaw ir-rekwiżiti tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/2072 jew, jekk ikunu ppropagati veġetattivament, minn pjanti tat-tadam li jkunu prodotti minn tali żrieragħ u kkoltivati taħt kontroll uffiċjali.
- (4) Għandhom jiġu introdotti kontrolli uffiċjali fuq il-programmi tat-tisqija u tal-bexx, inkluża l-projbizzjoni tagħhom, skont il-każ, biex tkun evitata l-firxa tal-pest speċifikat.

4.2. Fiż-żona demarkata, minbarra l-miżuri dettaljati skont il-punt 4.1, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri li ġejjin:

- (1) Immedjatament wara d-deżinjazzjoni tal-infezzjoni, għandhom jiżguraw li l-makkinarju u l-faċilitajiet ta' ħżin kollha f'tali żoni ddemarkati u involuti fil-produzzjoni tal-pjanti speċifikati jitnaddfu u jiġu ddiżinfettati, kif xieraq, bl-użu ta' metodi xierqa, kif speċifikat fil-punt 3.
- (2) Immedjatament, u għal mill-anqas tliet snin ta' tkabbir wara d-deżinjazzjoni tal-infezzjoni:
 - (a) F'każijiet fejn iż-żona demarkata tkun ġiet iddeterminata skont l-Artikolu 5(2), il-punt (b):
 - (i) għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti tagħhom jissorveljaw l-impjant fejn jtkabbru, jinħażnu jew jiġu ttrattati l-pjanti speċifikati, kif ukoll il-postijiet tal-produzzjoni fejn jitħaddem taħt kuntratt makkinarju għall-produzzjoni tal-pjanti speċifikati;
 - (ii) għandhom jeħtieġu t-tħawwil ta' tuberi għat-tħawwil iċċertifikati biss jew ta' tuberi maħsuba biex jitħawlu fl-istess post tal-produzzjoni li jtkabbru taħt kontroll uffiċjali għall-għelejjet kollha tal-patata f'dik iż-żona, u l-ittestjar wara l-ħsad tat-tuberi għat-tħawwil imkabbra f'postijiet tal-produzzjoni ddeterminati bħala probabbilment infettati skont l-Artikolu 5(2), il-punt (d)(ii);
 - (iii) għandhom jeħtieġu l-immanipular separat tat-tuberi maħsuda għall-ħażniet tat-tħawwil mill-ħażniet ta' tuberi oħra fil-postijiet kollha tal-produzzjoni fiż-żona demarkata, jew sistema ta' tindif u, fejn xieraq, diżinfekzjoni li għandha titwettag bejn il-manipulazzjoni tal-ħażniet tat-tuberi għat-tħawwil u dik ta' tuberi oħra;
 - (iv) jeħtieġu li jsir biss tħawwil ta' pjanti tat-tadam li jkunu tkabbru minn żrieragħ li jissodisfaw ir-rekwiżiti tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/2072, jekk ikunu ppropagati veġetattivament, minn pjanti tat-tadam prodotti minn tali żrieragħ u kkoltivati taħt kontrolli uffiċjali, għall-għelejjet kollha tat-tadam f'dik iż-żona;
 - (v) għandhom iwettqu l-istħarriġ kif previst fl-Artikolu 3(1);
 - (b) F'każijiet fejn l-ilma tal-wiċċ ikun ġie ddeżinjat bħala infettat skont l-Artikolu 5(4), it-tielet subparagrafu, il-punt (a), jew inkluż fl-elementi għat-tifrix possibbli tal-pest speċifikat f'konformità mal-punt 2 tal-Anness IV:
 - (i) għandhom iwettqu l-istħarriġ annwali fi żminijiet xierqa, inkluż il-kampjunar tal-ilma tal-wiċċ u, fejn xieraq, tal-pjanti solanaċji selvaġġi ospitanti fis-sorsi tal-ilma rilevanti u għandhom jiżguraw li l-kampjuni jiġu soġġettati għat-testijiet imsemmija fl-Anness I;
 - (ii) għandhom jintroduċu l-kontrolli uffiċjali fuq il-programmi tat-tisqija u tal-bexx, inkluż projbizzjoni fuq l-użu tal-ilma ddeżinjat bħala infettat għat-tisqija u l-bexx tal-pjanti speċifikati, u, fejn hu rilevanti, ta' pjanti solanaċji ospitanti kkultivati oħra sabiex jipprevjenu l-firxa tal-pest speċifikat. Dik il-projbizzjoni tista' tiġi rieżaminata abbażi tar-riżultati miksuba minn kampjunar u testjar intensivi tal-ilma tal-wiċċ, fi żminijiet xierqa, biex ikun hemm livell għoli ta' fiduċja li l-pest speċifikat ma jkunx għadu preżenti. L-użu tal-ilma soġġett għal projbizzjoni jista' jkun permess fis-serer, taħt kontroll uffiċjali, għat-tisqija u l-bexx ta' pjanti tat-tadam u ta' pjanti ospitanti oħra maħsuba għall-konsum u l-ipproċessar finali, dment li l-ilma jiġi ddiżinfettat bl-użu ta' metodi xierqa. F'dak il-każ, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jirrevokaw id-deżinjazzjoni tal-ilma bħala infettat mill-pest speċifikat;

- (iii) f'każijiet meta jiġu infettati skariki ta' skart likwidu, dawn għandhom jintroduċu kontrolli uffiċjali fuq ir-rimi ta' skariki ta' skart solidu jew likwidu mill-ipproċessar industrijali jew mill-istazzjonijiet tal-ippakkjar li jittrattaw il-pjanti speċifikati tal-postijiet tal-produzzjoni..
- (3) Għandhom jistabbilixxu programm, fejn xieraq, għas-sostituzzjoni tal-istokkijiet kollha tat-tuberi għat-tħawwil fuq perjodu ta' żmien xieraq.
-

ANNEX VI

Rekwiżiti għar-rimi tal-iskart approvat uffiċjalment kif imsemmi fil-punt (1) tal-Anness V

Il-metodi tar-rimi tal-iskart approvati uffiċjalment imsemmija fil-punt 1 tal-Anness V għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti li ġejjin:

1. Skart tal-pjanti speċifikati inkluż il-patata rrifjutata, il-qxur tal-patata u tat-tadam u kull skart solidu ieħor assoċjat mal-pjanti speċifikati (inklużi ħamrija, ġebel u fdalijiet oħra) għandu jintrema b'wieħed mill-metodi li ġejjin:
 - (a) billi jintremew f'sit apposta uffiċjali ddedikat għal dan l-iskop fejn ma jkun hemm l-ebda riskju identifikabbli li l-pest speċifikat joħroġ fl-ambjent eż. permezz ta' nixxija għal ġo r-raba' permezz ta' jew kuntatt ma' sorsi tal-ilma li jistgħu jintużaw għat-tisqija tar-raba';
 - (b) inċinerazzjoni;
 - (c) miżuri oħra, sakemm ikun ġie stabbilit li ma jkun hemm l-ebda riskju identifikabbli li l-pest speċifikat jista' jinfirex; dawn il-miżuri jridu jiġu nnotifikati lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra.Għall-finijiet tal-punt (a), l-iskart għandu jitwassal direttament lejn is-sit taħt kondizzjonijiet ta' konteniment sabiex ma jkun hemm ebda riskju ta' telf tal-iskart.
2. Qabel ma jintrema l-iskart likwidu li jkun fih solidi sospiżi għandu jgħaddi minn proċessi ta' filtrazzjoni jew ta' depożitar biex jitneħħew dawn is-solidi, li għandhom jintremew skont il-punt 1.

L-iskart likwidu għandu:

- (a) jissaħħan sa temperatura minima ta' 60 °C fil-volum kollu matul mill-inqas 30 minuta qabel ma jintrema; jew
 - (b) jintrema b'xi mod ieħor, soġġett għall-approvazzjoni uffiċjali u taħt il-kontroll uffiċjali, b'tali mod li ma jkun hemm l-ebda riskju identifikabbli li l-iskart jista' jiġi f'kuntatt ma' raba' jew ma' sorsi tal-ilma li jistgħu jintużaw għat-tisqija tar-raba'.
-